**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**LAQGĦA NUMRU 23 – IT-TLIETA, 12 TA' ĠUNJU 2012 FIS-6.20PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | *Chairman* |
| Alfred Mangion | Viċi *Chairman* |
| Janet Barthet | Membru |
| Salvatore Mousù | Membru |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skuzati

| | |
|---|---|
| Robert Vella Bonnici | Membru |

**1 Minuti Numru 22**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Dr Frank Bartolo ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairman***

2.1 Ġiet diskussa l-ittra tas-Sur Geatan Naudi. Ġie deċiz li tintbagħat risposta lis-Sur Naudi.

2.2 Ġiet diskussa l-petizzjoni li rċieva l-Kumitat rigward iż-*zebra crossing* fi Triq Birkirkara. Ġie innutat li minkejja li dawn li ffirmaw il petizzjoni kienu kontra din iż-*zebra crossing*, kien hemm numru ta' residenti oħra li kienu favur. Ġie nnutat ukoll li hemm il-permessi kollha tat-Transport Malta u anke ġiet kkunsidrata post alternattiv, imma rriżulta li ma kienx hemm post adekwat. Il-Kumitat għandu jara jekk hemmx il-possibiltà li jiżdied l-parkeġġ f'din iż-żona. Ix-xogħol fuq iż-*zebra crossing* ser jitkompla.

2.3 Għandha tinbagħat ittra bħala *reminder* lil Transport Malta rigward it-talba tal-Kumitat biex Triq il-Gardell issir *One Way*.

2.4 Ġie diskuss id-*doggie bins* ġodda fil-Kappara. Wara studju li sar, ġiet ippreżentata pjanta. Is-Sinjura Janet Barthet pproponiet li jsiru dawn id-*Doggie Bins*. Is-Sur Alfred Mangion issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Affarijiet Oħra**

3.1 Is-Sinjura Janet Barthet ipproponiet li tinbagħat ittra ta' *follow up* rigward siġar li ħerġin għal fuq il-bankina. Kien hemm qbil unanimu. Ġie deċiż ukoll li jsir żbir ta' siġar fi Triq il-Kuċċard.

3.2 Is-Sur Salvatore Mousù talab biex jinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart biex il-ħaddiema jilbsu l-ingwanti.

3.3 Is-Sur Alfred Mangion talab li ssir *follow-up* rigward l-infurzar tat-tabelli *No Heavy Vehicles* fil-Kappara.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.20pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 10 ta' Lulju 2012 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Dr Frank Bartolo**<br>**Chairman** |